MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 369/09/1 LM

**Alfred Spiteri u Joseph Spiteri**

***vs.***

**(1) Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2010 l-Awtorità għat-Trasport f'Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta; u**
**(2) Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' April, 2009 mill-atturi **Alfred Spiteri** (ID 200066M) u **Joseph Spiteri** (ID 251872M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Alfred Spiteri stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-sena elf disa' mija u tlieta u disgħin (1993), Angelo Spiteri, illum mejjet, importa f'Malta tliet (3) vetturi tat-tip open top double deckers, bl-iskop speċifiku*

*li dawn il-vetturi jintużaw sabiex jiġi pprovdut servizz ta' trasport, prinċipalment fis-settur tat-turiżmu. L-istess Angelo Spiteri kien ikkommetta ruħu għal dan l-investiment wara li dan it-tip ta' servizz kien ġie indirizzat favorevolment fil-Pjan Strutturali għall-Gżejjer Maltin ippubblikat fl-elf disa' mija u disgħin (1990), fejn fil-paragrafu immarkat bħala 'Policy PTR 12' kien ġie speċifikat ikkontemplat li 'Bus operators will be encouraged to experiment with special types of services for tourists such as open top buses and road trains';*

2. *Illi l-Awtorità konvenuta kienet espressament awtorizzat bil-miktub lill-imsemmi Angelo Spiteri sabiex jimporta u jopera l-imsemmija vetturi. L-imsemmija vetturi waslu Malta, fejn tħallas id-dazju relattiv fuqhom, u l-awtorità doganali lokali sussegwentement irrilaxxat il-vetturi skont il-liġi fil-pussess ta' Angelo Spiteri;*

3. *Illi sussegwentement saret talba formali għar-reġistrazzjoni tal-istess vetturi kif ukoll għall-għoti tal-liċenzji relattivi, bil-għan li l-vetturi de quo jkunu jistgħu jiġu operati għal skop tat-trasport ta' passiġġieri fit-toroq tal-Gżejjer Maltin;*

4. *Illi permezz ta' diversi komunikazzjonijiet, l-Awtorità konvenuta kienet uriet il-ħsieb tagħha li tikkonċedi l-liċenzji meħtieġa lil dawn il-vetturi. Dan il-ħsieb madankollu qatt ma mmanifesta ruħu fl-att pożittiv tal-għoti tal-liċenzji, bil-konsegwenza li Angelo Spiteri, u in segwitu ta' mewtu, martu u wliedu, inkluż l-atturi, baqgħu miżmuma milli joperaw tali vetturi importati regolarment;*

5. *Illi l-imsemmi Angelo Spiteri, u wara l-mewt tiegħu, martu u wliedu inkluż l-atturi, ġew imċaħħda illegalment għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena mill-permessi u mil-liċenzji meħtieġa u dan stante li ma kienet teżisti l-ebda raġuni għaliex dawn il-permessi u liċenzji ma kellhomx jingħataw, kif del resto ġie kostantament ammess mill-Awtorità konvenuta;*

6. *Illi permezz ta' lment bin-numru sitta (6) tal-elfejn u sitta (2006), l-atturi, flimkien ma' ommhom Marianna, armla ta' Angelo Spiteri, u oħthom Karen, miżżewġa Camilleri, aġixxew fil-konfront tal-Awtorità konvenuta bil-manjiera u bil-proċedura kkontemplati fil-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi permezz ta' deċiżjoni mogħtija mill-Onorabbli Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fil-ħmistax (15) ta' Ottubru 2008, ġie dikjarat li l-għemil tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien leżiv tal-Artikolu 9(1), 2(e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorità konvenuta aġixxiet abbużivament, b'mod illi mmanipulat is-suq sabiex taġevola l-kompetituri diretti tal-esponenti;*

8. *Illi b'konsegwenza ta' dan kollu l-atturi, flimkien ma' ommhom Marianna armla ta' Angelo Spiteri u oħthom Karen miżżewġa Camilleri, sofrew danni kummerċjali sostanzjali, li għalihom huma unikament responsabbli l-konvenuti;*

9. *Illi filwaqt li l-esponenti baqgħu jitolbu lill-Awtorità konvenuta tinħarġilhom liċenzja sabiex joperaw bl-open top double decker buses, l-istess Awtorità konvenuta ħarġet liċenzji lill-operatur kompetitur biex jopera b'vetturi tal-istess għamla, iżda mhux lill-esponenti;*

10. *Illi permezz ta' skritturi privati datati tnejn (2) t'April, 2009, l-imsemmija Marianna armla ta' Angelo Spiteri u Karen miżżewġa Camilleri assenjaw favur l-atturi d-dritt rispettiv tagħhom biex jipproċedu ġudizzjarjament kontra l-istess konvenuti għar-riżarċiment tad-danni subiti, b'liema assenjazzjoni l-konvenuti ġew mgħarrfa ġudizzjarjament, kif trid il-liġi;*

11. *Illi minkejja li ġew interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, il-konvenuti baqgħu lkoll inadempjenti;*

*Għaldaqstant, l-atturi umilment jitolbu li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti kif premess, l-atturi sofrew danni inġenti għal liema danni huma responsabbli l-istess konvenuti, jew min minnhom;*
2. *Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi occorrendo permezz tal-opera ta' periti nominandi;*
3. *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu lill-atturi d-danni kif likwidati in forza tat-tieni domanda,*

*u dan prevja kull provvediment ieħor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Protest Ġudizzjarju bin-numru 140/2009, u bl-imgħax legali, mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena 1994 sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti, li huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Kummissarju tal-Pulizija** (minn issa 'l quddiem "il-Kummissarju konvenut"), li ġiet ippreżentata fit-23 ta' Settembru, 2009, u maħlufa minn John Rizzo, Kummissarju tal-Pulizija, fejn eċċepixxa:

1. *Preliminarjament, l-esponenti mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi l-mansjoni tal-ħruġ ta' liċenzji relattivi għal open top double decker buses ma taqax fil-funzjonijiet tiegħu;*

*2. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti qiegħed jeċepixxi formalment ukoll illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenti ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bit-trapass ta' snin mid-data minn meta r-rikorrenti ngħataw deċiżjoni dwar it-talba tagħhom);*

*3. Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, in kwantu dina l-azzjoni qiegħda titlob id-diskussjoni mill-ġdid ta' mertu diġà trattat u deċiż fil-kawża fl-ismijiet 'Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bħala Chairman, għan-nom u in rappreżentanza tal-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku' (Appell Kostituzzjonali 1539/93) u dan saħansitra mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza tad-19 ta' April, 2004 u dan senjatament dwar it-talba għall-ħruġ ta' liċenzja tal-vetturi mertu tal-kawża odjerna, dwar liema mertu l-azzjoni odjerna tikkozza mal-awtorità ta' res judicata stabbilita permezz tal-imsemmija sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali;*

*4. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess il-pretensjonijiet vantati mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda u dan peress illi r-rikorrenti ma għandhom ebda 'dritt' li jottjenu liċenzja iżda tali liċenzja tinħareġ a bażi ta' diversi konsiderazzjonijiet fosthom dawk ta' sigurtà tal-pubbliku;*

*5. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma insostenibbli skont il-liġi, billi l-vetturi importati mill-atturi ma jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet viġenti;*

*6. Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess, ai termini tas-subinċiż 5 tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-annullament minn Qorti ta' att amministrattiv kommess minn awtorità pubblika ma twassalx għal għoti ta' danni mill-istess Qorti sakemm ma jiġix ippruvat li l-awtorità pubblika aġixxiet in mala fede, irraġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment tiġi miċħuda taħt kull setgħa oħra;*

*7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

*8. Bl-ispejjeż.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta** (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità konvenuta"), li ġiet ippreżentata fil-25 ta'

Settembru, 2009, u maħlufa minn Simon Vella (ID 215965M), *Executive Chairman* tal-Awtorità ta' Malta dwar it-Trasport, li biha eċċepiet:

*Difiża:*
*L-atturi qed jippretendu, in effett li l-Awtorità abbużat mill-poteri tagħha u li bħala konsegwenza tal-abbuż huma sofrew danni, li għalihom għandha tirrispondi l-Awtorità. Ir-rimedju għal dan it-tip ta' aġir hu kontemplat fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-Awtorità qed tirrispondi a bażi tal-presuppost li din hi azzjoni li tressqet taħt l-Artikolu 469A.*

*1. L-azzjoni hi perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinċiż (3) tal-istess artikolu għadda;*

*2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-azzjoni fir-rigward tal-perjodu bejn l-1994 sad-19 ta' April 2004 hi res judicata u dan għaliex l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) kienet diġà ċaħdet il-pretensjoni ta' Angelo Spiteri li l-vettura in kwistjoni kellhom jiġu liċenzjati[1];*

*3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad illi:*

*a. L-allegazzjoni ċentrali f'din l-azzjoni hi li l-Awtorità hija responsabbli għad-danni peress li kisret id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379). Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tat-8 ta' Ottubru, 2008 (li hija deċiżjoni li kkonkludiet li kien hemm ksur tal-Kap. 379 min-naħa tal-Awtorità), hi soġġetta għal talba għal stħarriġ ġudizzjarju u jekk dak l-istħarriġ iwassal biex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tiġi annullata, l-azzjoni tisfa fix-xejn. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tirrileva li hemm lok għal soprasessjoni ta' din il-kawża dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust. Kopja tar-rikors ġuramentat u tar-risposti relattivi tal-intimati huma hawn annessi u mmarkati bħala Dokument ADT2;*

*b. Sabiex tirnexxi din l-azzjoni, is-soċjetà rikorrenti jeħtieġ li tipprova (i) il-mala fede tal-Awtorità jew l-aġir mhux raġonevoli tagħha; u (ii) id-danni allegatament imġarrba minħabba l-allegat aġir; (iii) in-ness bejn l-allegati danni u l-kawża ta' dawn id-danni minħabba l-allegat aġir tal-Awtorità; u (iv) illi hi qdiet l-obbligu tagħha li timminimizza d-danni allegati. Fi kwalunkwe każ, l-Awtorità tiċħad li hi ħatja ta' kwalsiasi aġir in mala fede u/jew illegali u/jew li hi responsabbli għal u/jew li kkawżat kwalunkwe dannu lill-atturi.*

---

[1] **Angelo Spiteri *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bħala Chairman, għan-nom u in rappreżentanza tal-Awtorità dwar it Trasport Pubbliku** - (Qorti tal-Appell) (Sede Kostituzzjonali, 19 ta' April, 2004).

*B'riserva għal eċċezzjonijiet ulterjuri b'mod partikolari, però mhux biss, f'każ li l-atturi jiddikjaraw li din mhix azzjoni mressqa taħt l-Artikolu 469A.*
*Il-Fatti:*

*1. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu, l-Awtorità ma tistax tikkummenta dwar liema konsiderazzjonijiet għamel is-Sur Spiteri biex wasal għad-deċiżjoni biex jimporta open top buses. Jiġi rilevat li l-Pjan Strutturali għall-Gżejjer Maltin kienet biss dikjarazzjoni ta' ħsieb min-naħa tal-Gvern li, naturalment, wieħed ma jistax jikkommetti ruħu a bażi tagħha jekk mhux a riskju tiegħu;*

*2. Fir-rigward tal-fatti esposti mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu, jiġi rilevat li l-Awtorità qatt ma tat permess lir-rikorrenti sabiex huma joperaw l-open top buses mertu ta' din il-kawża. Jingħad li l-Awtorità ma oġġezzjonatx għar-rikjesta tar-rikorrenti li jimporta l-open top buses in kwistjoni sakemm il-vetturi kienu jikkonformaw f'kull ħin mar-Regolamenti tal-Pulizija u mar-regolamenti tal-Awtorità (vide Dok. AS 3 ppreżentat mir-rikorrenti);*

*3. Il-fatti msemmija fil-paragrafu 3 mhumiex kontestati;*

*4. Fir-rigward tar-raba' paragrafu l-Awtorità tgħid li din il-kwistjoni tinfirex fuq perjodu bejn l-1993 sal-2008 matul liem perijodu sar ċertu tibdil u emendi fil-liġijiet u l-policies tal-Gvern u tal-Awtorità. L-Awtorità infurmat lil Angelo Spiteri u/jew ir-rikorrenti li l-open top buses in kwistjoni jiġu liċenzjati biss jekk dawn jikkonformaw mal-liġijiet u regolamenti li jkunu viġenti. L-Awtorità ddeċidiet ma tilliċenzjax l-open top buses peress illi (i) dawn il-vetturi ma kinux jikkonformaw mal-liġi meta ġiew importati, u (ii) sussegwentement ħadet id-deċiżjoni li ma lliċenzjatx il-vetturi in kwistjoni abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' road safety, kif jidher mill-korrispondenza annessa u mmarkata bħala Dokumenti ADT3, ADT4, ADT5 u ADT6;*

*5. Fir-rigward tal-ħames paragrafu, l-Awtorità ssibha diffiċli tifhem kif Angelo Spiteri, u, wara mewtu, ir-rikorrenti jgħidu li huma ġew imċaħħda illegalment għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena mill-permessi u mil-liċenzji meħtieġa. Kif diġà ngħad, mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) tal-2004, l-Awtorità ma kinitx aġixxiet b'mod illegali bejn l-1993 sal-2004. Addizzjonalment, kif diġà ġie rilevat (i) l-Awtorità ddeċidiet li ma tilliċenzjax il-vetturi meta kienu mpurtati għaliex dawn ma kinux jikkonformaw mal-liġi, u (ii) sussegwentement ħadet id-deċiżjoni li ma lliċenzjatx il-vetturi in kwistjoni a bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' road safety;*

*6. Fir-rigward tal-fatti esposti fis-sitt paragrafu, jingħad li r-rikorrenti kienu għamlu ilment mad-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta li permezz tiegħu ġie allegat li ċertu aġir tal-Awtorità kien jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 9(2) (e) tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Awtorità rrispondiet ili hi ma kinitx tikkwalifika bħala intrapriża skont il-Kap. 379 li kien jipprovdi li l-kelma 'intrapriża' tfisser:*

> *'Kull persuna sew jekk tkun individwu, korp magħqud jew mhux magħqud jew kull enti oħra, bi skop ta' xi attività ekonomika u tinkludi grupp ta' intrapriżi' (enfasi miżjuda).*

*Id-Direttur kien aċċetta r-risposta tal-Awtorità u ddeċieda li l-Kap. 379 ma setax japplika fil-konfront tal-Awtorità billi l-Awtorità mhix intrapriża ai termini tal-Kap. 379. Wara din id-deċiżjoni, tressqu proċeduri quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerċ Ġust li ddeċieda b'mod differenti mid-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta;*

*7. L-Awtorità taqbel mal-fatti esposti fil-paragrafu numru 7. Jingħad però li f'dan ir-rigward l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta ppreżentat kawża quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili sabiex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru, 2008 tiġi soġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju u sabiex tiġi dikjarata nulla u inattendibbli;*

*8. Fir-rigward tat-tmien paragrafu l-Awtorità tiċħad li hi qatt aġixxiet b'mod illegali u tiċħad li hi responsabbli għal xi danni kummerċjali li allegatament sofrew ir-rikorrenti;*

*9. Fir-rigward tad-disa' paragrafu, jiġi rilevat illi l-liċenzji li ġew maħruġa lill-operatur ieħor inħarġulu wara li rebaħ tender li kien miftuħ għall-pubbliku – liema tender kien ġie maħruġ b'mod ġust u trasparenti. Ir-rikorrenti kellhom kull dritt u kull opportunità li jipparteċipaw fil-proċess kompetittiv għall-ħruġ tat-tender iżda qatt ma ssottomettew l-applikazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward. Jiġi rilevat ukoll li dan l-operatur kien obbligat kuntrattwalment li jara li l-vetturi li jopera jilħqu ċerti standards ta' inter alia safety u emissions;*

*10. Fir-rigward tal-għaxar paragrafu, l-Awtorità m'għandhiex x'tikkummenta;*

*11. Fir-rigward tal-ħdax-il paragrafu, kif diġà eċċepit, l-Awtorità tiċħad li hi qatt aġixxiet b'mod illegali u tiċħad kull responsabbilità għall-allegati danni li sofrew ir-rikorrenti.*

Rat is-sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2010 ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta li ħelset lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju, u laqgħet l-eċċezzjoni tad-dekadenza taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-atturi u kkundannathom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Rat ir-Rikors tal-Appell ippreżentat mill-atturi fis-17 ta' Novembru, 2010 li appellaw mis-sentenza deċiża fit-28 ta' Ottubru, 2010.

Rat ir-Risposti tal-Appell ippreżentati rispettivament mill-konvenuti, mill-Kummissarju tal-Pulizija fit-2 ta' Diċembru, 2010 u mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fl-14 ta' Diċembru, 2010.

Rat is-sentenza tat-30 ta' Mejju, 2014 tal-Qorti tal-Appell li ddisponiet mill-imsemmi appell tal-atturi billi (i) qieset li l-Kummissarju tal-Pulizija hu leġittimu kontradittur għall-azzjoni attriċi iżda ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu peress li qieset l-azzjoni perenta taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u (ii) fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta rrevokat is-sentenza appellata fejn kienet sabet l-azzjoni attriċi perenta u b'hekk ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-imsemmija Awtorità, u ordnat li l-atti tal-kawża jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti biex din tkompli tisma' u tiddeċiedi l-każ fil-konfront biss tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Rat is-surroga tat-18 ta' Settembru, 2014 fejn din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif inhi llum ippreseduta.

Permezz ta' rikors tat-12 ta' Frar, 2015, l-Awtorità konvenuta eċċepiet il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2015 fejn ċaħdet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta Awtorità għat-Trasport f'Malta, bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kontra l-istess Awtorità konvenuta.

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2015 fejn laqgħet it-talba tal-Awtorità konvenuta kif dedotta fl-eċċezzjoni 3(a) tagħha fejn ġiet ordnata s-soprasessjoni (sospensjoni) ta' din il-kawża pendenti l-eżitu tal-kawża Rikors Maħluf Nru 592/2009/2 MC.

Rat ir-Rikors tal-Appell ippreżentat mill-atturi fid-9 ta' Ottubru, 2015 li appellaw mid-digriet mogħti fil-5 ta' Ottubru, 2015.

Rat ir-Risposta tal-Appell ippreżentata mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta fid-19 ta' Ottubru, 2015.

Rat is-sentenza tat-30 ta' Settembru, 2016 tal-Qorti tal-Appell li ddisponiet mill-imsemmi appell tal-atturi billi rrevokat id-digriet appellat u ordnat il-prosegwiment tal-kawża mill-ewwel Qorti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-Awtorità konvenuta.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2017 fejn ordnat li l-kawża titħalla għas-smigħ tal-provi dwar l-ewwel talba tal-atturi u kif ukoll għall-provi dwar l-eċċezzjoni eumerata 3(b) tal-Awtorità konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta' April, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel talba tal-atturi u dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-Awtorità konvenuta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Permezz tal-azzjoni odjerna, li essenzjalment hija kawża għad-danni, l-atturi bl-ewwel talba tagħhom qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tiddikjara li l-Awtorità konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti minnhom kawża tal-fatt li l-awtur fit-titolu tagħhom Angelo Spiteri kien importa tliet (3) *open-top buses* għall-użu fit-toroq Maltin fl-1993, liema vetturi damu ma ġew illiċenzjati u għalhekk ma setgħux jinstaqu fit-toroq sas-sena 2008, u dan wara diversi kawżi u proċeduri legali oħra mnedija mill-atturi jew mill-awturi fit-titolu tagħhom. Il-Qrati tagħna diġà ppronunzjaw ruħhom diversi drabi dwar il-mertu ta' din il-vertenza, tant li hemm deċiżjonijiet kemm tal-Qorti tal-Appell kif ukoll saħansitra tal-Qorti Kostituzzjonali dwar ilmenti varji mressqa mill-atturi. F'dan l-istadju, u wara li ġie deċiż *inter alia* li l-Kummissarju tal-Pulizija, minkejja li hu meqjus bħala leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju in vista tal-fatt li l-azzjoni hi perenta fil-

konfront tiegħu, kif ukoll wara li ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali[2] li l-jedd fundamentali tal-atturi għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom ġie leż u l-Qorti Kostituzzjonali llikwidat l-ammont ta' ħamsin elf Euro (€50,000) kumpens li għandu jitħallas lill-atturi bħala *'just satisfaction'* konsegwenza ta' tali leżjoni, kif ukoll wara deċiżjoni favorevoli mogħtija mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust li kkunsidrat li seħħet diskriminazzjoni mal-atturi meta kompetituri tagħhom fl-istess qasam tħallew joperaw u huma ġew imċaħħda minn liċenzja sabiex ikunu jistgħu joperaw, l-atturi fetħu l-proċeduri odjerni li permezz tagħhom qegħdin jitolbu li l-Qorti tiddikjara li l-Awtorità konvenuta hija responsabbli għad-danni sofferti minnhom konsegwenza tal-fatt li wara li dawn il-vetturi ġew impurtati, dawn ma setgħux jintużaw għall-iskop li għalih inxtraw, u dan għal diversi snin. L-Awtorità konvenuta ressqet għadd ta' eċċezzjonijiet fir-rigward tat-talbiet tal-atturi, fosthom eċċepiet il-preskrizzjoni ta' din l-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. In vista tal-fatt li l-kwistjoni ta' responsabbilità għad-danni hija kwistjoni fluwida u li skont jekk tintlaqax jew le, jista' jkun hemm il-ħtieġa tal-ħatra ta' diversi esperti tekniċi u ż-żamma ta' diversi perizji f'din il-kawża sabiex jiġu kkwantifikati id-danni sofferti mill-atturi, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex fl-ewwel lok tippronunzja ruħha dwar il-kwistjoni tar-responsabbilità o meno tal-Awtorità konvenuta, kif ukoll dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-Awtorità konvenuta. Proprju huma dawn iż-żewġ kwistjonijiet li din il-Qorti sejra tiddeċiedi dwarhom f'din is-sentenza.

[2] Q.K., 07.10.2013.

**Provi u riżultanzi**

Il-proċeduri odjerni jsegwu għadd ta' kawżi oħrajn bejn l-istess partijiet tul is-snin, u din il-kawża hija waħda minn sensiela ta' kawżi li ġew intavolati fuq medda ta' kważi 25 sena. Il-provi dokumentarji huma kopjużi, u dan in vista tal-fatt li sabiex jiġi evitat telf ta' ħin, u sabiex kemm jista' jkun il-proċess ikun wieħed integru u leali lejn il-fatti kif ġraw anki jekk għadd ta' snin ilu, il-Qorti ppermettiet li jkun hemm diversi allegazzjonijiet mal-proċess ta' din il-kawża.[3]

Kontestwalment mar-rikors promutur l-atturi esebew kopja tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust mogħtija fil-15 ta' Ottubru, 2008[4], u dan wara proċeduri li nbdew mill-atturi in vista tad-deċiżjoni mogħtija mid-Direttur tal-Uffiċċju ta' Kompetizzjoni Ġusta, li kien ikkonkluda li ilment imressaq mill-atturi taħt il-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta (l-Att dwar il-Kompetizzjoni), ma kienx ammissibbli minħabba li l-Awtorità konvenuta ma tistax titqies li hi 'intrapriża' *ai termini* ta' dik il-liġi. Il-Kummissjoni madanakollu għamlet diversi konstatazzjonijiet, u kkunsidrat illi:

> "Illi f'dawn il-każijiet għandu jkun paċifiku li d-deċiżjoni ta' Direttur għandha tkun waħda li tissodisfa għall-anqas ir-rigorożità tal-loġika, tar-razzjonalità u tar-raġonevolezza, fejn wara li turi li qieset bir-reqqa ċ-ċirkostanzi kollha miġjuba quddiemha, taqta' u tiddeċiedi fuq bażi ta' legalità, rinforzata bid-duttrina u ġurisprudenza relattiva, ħaġa li ma tirriżultax."

Il-Kummissjoni ċċitat sentenzi preċedentement mogħtija minnha fejn kienet stabbiliet li minkejja li l-lanjanzi tal-individwu kienu kontra entitajiet pubbliċi, f'sitwazzjonijiet fejn dawn kienu qegħdin jistraripaw u jeffettwaw suq li jkun

---

[3] L-atti tal-kawża fl-ismijiet **Alfred Spiteri et *vs.* Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et** (Rikors Nru 53/2009, Q.K., deċiża 07.10.2013, liema atti jinkludu wkoll l-atti tal-ilment deċiż mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, deċiż mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fil-15.10.2008; u l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Angelo Spiteri vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Ċitazz. Numru 1593/1993), Q.K., deċiża fid-19.04.2004.

[4] *A fol.* 5 tal-proċess.

qed jiġi skrutinizzat mil-lenti tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kummissjoni għandha d-dover li tanalizza s-sitwazzjoni u li toffri rimedju. Fil-parti deċiżiva tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, intqal hekk:

> "Illi finalment għandu jkun paċifiku li Awtorità bħal dik in diżamina għandha d-dover legali u istituzzjonali li tkun 'super partes' u mhux li tistultifika u timmanipula suq biex tiġi aġevolata intrapriża partikolari għad-detriment ta' intrapriżi oħra kompetituri għaliha;
>
> Illi jekk verament l-Awtorità riedet tkun oġġettiva, in buona fede, u tassew tittutela l-interess pubbliku, f'dan il-każ dak tas-saħħa u l-inkolumità tal-utent li juża s-servizzi offruti in diżamina, allura kellha tassigura – kif hu minnha dovut – li minflok li timbarra s-suq lil-lanjanti biex taġevola l-kompetituri diretti tagħhom, kellha bħala Awtorità, hi stess ir-responsabbilità li tara li t-toroq involuti ma jkunux ta' perikolu għall-utent, u tneħħi fejn jeżisti dan il-periklu u mhux tinża minn din ir-responsabbilità amministrattiva u timmanipola l-pożizzjoni tagħha għall-għanijiet nefasti li rriżultaw."

L-atturi ppreżentaw prospett tad-danni sofferti minnhom[5], redatt mill-*accountant* Michael Warrington, li ħejja prospett tal-profitti li l-atturi setgħu jagħmlu li kieku operaw kif maħsub it-tliet vetturi impurtati minnhom.[6] Ġie esebit ukoll kopja tal-Pjan Strutturali għall-Gżejjer Maltin[7], fejn fil-*Policy PTR 12* jingħad:

> *"Bus operators will be encouraged to experiment with special types of service for tourists such as open top buses or road trains."*

[5] *A fol.* 30 tal-proċess.
[6] Ix-xhud ingaġġat mill-atturi iddikjara wkoll li "*This report by its very nature cannot be regarded as an exact science and the conclusions arrived at in many cases will of necessity be subjective. There is no single value that would represent the actual result that would have been achieved had you in fact operated these routes. Although our conclusions are in our opinion reasonable and defensible, others might wish to argue for a different value.*"
[7] *A fol.* 35 tal-proċess.

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja ta' ittra mibgħuta lil Angelo Spiteri mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku fis-27 ta' April, 1993[8], fejn hu ġie infurmat illi:

> "*I am directed to inform you that the Public Transport Authority has no objection to your request provided that such buses operate in accordance with the conditions outlined below:*
>
> *1. The vehicles must:*
>
> *1.1 conform to Police Regulations at all times;*
> *1.2 conform to Public Transport Authority regulations at all times."*

L-atturi esebew ukoll kopja tal-korrispondenza mibgħuta f'isimhom lill-Awtorità konvenuta wara li l-*open top buses* inkwistjoni ġew impurtati u dawn baqgħu ma ngħatawx numru tar-reġistrazzjoni Maltija u liċenzja biex ikunu jistgħu jinstaqu fit-toroq Maltin[9], kif ukoll kopja tar-risposti li rċevew tul is-snin, fosthom kopja ta' ittra mibgħuta lilhom fit-30 ta' Ġunju, 2005 miċ-Chairman tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta[10], fejn huma ġew mgħarrfa bir-raġunijiet li għalihom ma ngħatawx permess sabiex jirreġistraw il-vetturi impurtati minnhom u liċenzja sabiex dawn ikunu jistgħu jinstaqu fit-triq.[11]

Il-Kummissarju konvenut esebixxa kopja tas-sentenza mogħtija fis-16 ta' April, 1999 mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Il-Kummissarju tal-**

---

[8] *A fol.* 42 tal-proċess.
[9] *A fol.* 47 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 64 *et seq.* tal-proċess.
[11] L-ittra tgħid *"[a]ccording to the specifications that you had forwarded to the Public Transport Authority in the early 1990s, the three buses were originally constructed in the 1960s and 1970s as conventional enclosed double-decker buses with a typical UK body height of 4.38 metres. The subsequent conversion of these buses into open-top models (through removal of half of the upper front windscreen of the bus, its side windows and its roof) has rresulted in the maximum vehicle body height of each bus being practically reduced to less than 4.0 metres."*

**Pulizija et noe**[12], kif ukoll kopja tas-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 2003, fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**[13], u s-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno Abela *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**[14], fejn il-Qorti ddeċidiet li ma kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tal-atturi. Kopji ta' dawn l-istess deċiżjonijiet ġew esebiti wkoll mill-Awtorità konvenuta f'dawn il-proċeduri.[15] Tal-istess fehma kienet il-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat id-deċiżjoni tal-prim istanza f'deċiżjoni li tat fid-19 ta' April, 2004.[16]

Fi stadju pjuttost bikri tal-proċeduri odjerni, il-Qorti talbet lill-konvenuti jressqu sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-Awtorità konvenuta, partikolarment in vista tal-fatt li l-Awtorità konvenuta qajmet il-presuppost li din l-azzjoni tal-atturi kienet tressqet *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, u għalhekk in vista tat-trapass ta' sitt xhur minn meta saru l-atti amministrattivi li qegħdin jilmentaw dwarhom l-atturi, din l-azzjoni hija perenta.

Permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 2010 minn din il-Qorti[17], f'deċiżjoni parzjali dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, ġie stabbilit illi minkejja li l-azzjoni odjerna hija waħda għad-danni, b'danakollu din it-talba hi mnissla 'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti', u għalhekk jeħtieġ li qabelxejn jiġi mistħarreġ jekk dak l-għemil amministrattiv hux illegali jew le. Madanakollu l-Qorti qieset li sabiex jitwaqqa' l-għemil amministrattiv tat-30

---

[12] *A fol.* 77 tal-proċess. Il-parti konklussiva tas-sentenza tistabbilixxi illi, "Ma jidhirx allura l-każ illi jokkorru raġunijiet gravi li jiġġustifikaw lil din il-Qorti Kostituzzjonali tiddisturba l-eżerċizzju ta' diskrezzjoni magħmul mill-ewwel Qorti bis-setgħa lilha espressament mogħtija mill-Kostituzzjoni."
[13] *A fol.* 99 tal-proċess.
[14] *A fol.* 103 tal-proċess.
[15] *A fol.* 146 *et seq.* tal-proċess.
[16] Kopja esebita *a fol.* 116 tal-proċess.
[17] Kif diversament preseduta.

ta’ Ġunju, 2005, hemm terminu ta’ dekadenza ta’ sitt xhur, u għalhekk laqgħet l-eċċezzjoni ta’ dekadenza sollevata mill-Awtorità konvenuta. L-atturi appellaw minn din id-deċiżjoni.[18]

Permezz ta’ sentenza mogħtija fit-30 ta’ Mejju, 2014[19], l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-Kummissarju tal-Pulizija huwa leġittimu kontradittur f’dawn il-proċeduri, u dan minħabba li l-għemil li qegħdin jilmentaw minnu l-atturi jirrisali lura għall-1993, meta l-ħruġ tal-liċenzji tal-vetturi kien vestit f’idejn il-Kummissarju tal-Pulizija. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Appell irrevokat is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti f’dan ir-rigward. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat ukoll li l-atturi appellanti ma jistgħux jgħidu li l-azzjoni tagħhom hija azzjoni għad-danni u mhux ukoll azzjoni biex jitwaqqa’ l-att amministrattiv li ta lok għal dawn id-danni, u li kawża għad-danni tista’ titressaq fil-kuntest ta’ talba għal stħarriġ ta’ għemil amministrattiv taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda m’għandhiex ħajja indipendenti minn dak l-istħarriġ. Għalhekk il-Qorti stabbiliet li sa fejn jikkonċerna l-Kummissarju tal-Pulizija, azzjoni għad-danni fil-kuntest tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 hija perenta u dan in vista tat-trapass ta’ ferm aktar mis-sitt xhur minn meta sar l-att amministrattiv ikkontemplati fil-liġi. Madanakollu l-Qorti qieset li mhux l-istess jista’ jintqal fil-konfront tal-Awtorità konvenuta, li wara li din irrifjutat li toħroġ il-liċenzja fl-2005, l-atturi ma pproċedewx taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12, iżda ressqu ilment skont dak li jipprovdi l-Att dwar il-Kompetizzjoni, liema ilment ġie milqugħ mill-Kummissjoni li investigatu. Minn dan jirriżulta li r-rimedju li ntalab mill-atturi, hu regolat minn liġi oħra, u għalhekk *ai termini* tal-artikolu 469(4) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, id-

[18] Kopja tar-rikors tal-appell *a fol.* 248 tal-proċess.
[19] Kopja *a fol.* 340 tal-proċess.

dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu m'għandhomx japplikaw. F'dan ir-rigward ukoll jirriżulta li ma jistax jiġi invokat it-terminu ta' dekadenza stabbilit *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12, stante li r-rimedju li qegħdin jippretendu l-atturi hu regolat minn liġi oħra. Il-Qorti stabbiliet li l-ilment tal-atturi ġie milqugħ b'deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru, 2008, u din l-azzjoni hija konsegwenza ta' dik id-deċiżjoni li sabet li l-għemil tal-Awtorità konvenuta, kien abbużiv u leżiv tal-jeddijiet tal-atturi kif protetti minn diversi liġijiet, fosthom l-Att dwar il-Kompetizzjoni. Il-Qorti tal-Appell għalhekk iddeċidiet li għandha tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi filwaqt li qieset li l-Kummissarju tal-Pulizija hu leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, qieset ukoll li t-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu għandhom jiġu miċħuda u dan minħabba li l-azzjoni fil-konfront tiegħu hi perenta ai termini tal-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Qorti tal-Appell irrevokat il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabet li l-azzjoni fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta hija perenta, u ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni ta' preskrizzjoni tal-imsemmija Awtorità, u rrinvijat l-atti tal-kawża lura lil din il-Qorti sabiex il-każ ikompli jinstema' biss fil-konfront tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Kien proprju minn dan il-punt 'il quddiem li din il-Qorti kif preseduta ħadet konjizzjoni tal-kawża odjerna, fejn da parti tal-atturi qegħdin jintalbu danni mingħand l-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

Din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2015 tat sentenza *in parte* dwar l-eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta li l-azzjoni attriċi rigward il-perijodu bejn l-1994 u d-19 ta' April, 2004 hija *res judicata* minħabba li l-Qorti tal-Appell (Sede Kostituzzjonali) kienet ċaħdet il-pretensjoni ta' Angelo Spiteri li l-vetturi

inkwistjoni kellhom jiġu liċenzjati. Fis-sentenza tagħha din il-Qorti kkunsidrat li filwaqt li s-sentenza li għaddiet in ġudikat kienet dwar talba biex il-konvenuti jiġu kkundannati jikkonċedu lill-attur in-numri ta' reġistrazzjoni relattivi għall-vetturi inkwistjoni, fil-kawża preżenti l-atturi qegħdin jitolbu r-riżarċiment mingħand il-konvenuti tad-danni allegatament sofferti minnhom b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti, wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust li l-għemil tal-Awtorità kien jikser l-artikolu 9(1), 2(e) tal-Kap. 379, u li l-Awtorità konvenuta aġixxiet abbużivament b'mod li mmanipulat is-suq sabiex taġevola kompetituri diretti tal-atturi. Din il-Qorti kkonkludiet li l-mertu mqajjem fil-kawża preżenti ma kienx ġie deċiż fis-sentenza li għaddiet in ġudikat, u li t-talbiet tal-atturi għar-riżarċiment tad-danni fl-istanti ma setgħu qatt ġew maqtugħa b'mod definittiv fis-sentenza tad-19 ta' April, 2004. In vista ta' dan il-Qorti qieset li mhux sodisfatt l-element tal-*eadem res* sabiex tiġi milqugħha l-eċċezzjoni tar-*res judicata*. Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk jirriżultax sodisfatt l-element tal-*causa petendi,* u stabbiliet li filwaqt li l-mertu tal-kawża li għaddiet in ġudikat kien jikkonċerna r-reġistrazzjoni tal-vetturi tat-tip *open top double deckers,* il-mertu tal-kawża odjerna jikkonċerna talba tal-atturi għal riżarċiment tad-danni wara d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust fil-15 ta' Ottubru, 2008.

Din il-Qorti f'digriet mogħti wkoll fil-5 ta' Ottubru, 2015 iddeċidiet dwar it-talba għas-soprasessjoni tal-proċeduri quddiemha, u dan in vista tal-fatt li kien għad hemm pendenti kawża oħra bir-referenza numru 592/2009/2 fejn l-atturi kienu qegħdin jitolbu li jsir stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-Awtorità konvenuta, liema stħarriġ jista' jwassal biex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru, 2008 tkun dikjarata nulla u inattendibbli. Il-

Qorti kkunsidrat li l-fatt li l-kawża odjerna ġiet ibbażata fuq il-premessa li l-allegat għemil illegali tal-Awtorità konvenuta fil-konfront tal-atturi kien ikkonfermat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni għal Kummerċ Ġust tal-15 ta' Ottubru, 2008, din il-Qorti ddeċidiet li jkun aktar spedjenti li jkun hemm soprasessjoni tal-proċeduri odjerni u dan sakemm ikun hemm eżitu finali għar-rikors bin-numru 592/2009/2.

L-atturi intavolaw appell minn din id-digriet mogħti minn din il-Qorti kif preseduta[20], stante li ma qablux li l-proċeduri odjerni għandhom jistennew l-eżitu ta' kawża oħra sabiex jitkomplew. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat illi t-talbiet attriċi huma diretti sabiex jiġi dikjarat li, 'b'konsegwenza tal-għemil illegali tal-konvenuti kif fuq premess', l-atturi sofrew danni u sabiex tiġi ordnata l-likwidazzjoni u l-ħlas ta' tali danni. Il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat illi t-talbiet tal-atturi huma bbażati fuq l-aġir tal-Awtorità konvenuta li kkaġunawlhom danni sostanzjali, meta din, wara li awtorizzathom jimpurtaw il-vetturi inkwistjoni, naqset milli tilqgħalhom it-talba għar-reġistrazzjoni tal-istess vetturi bir-riżultat li dawn ma setgħux jiġu operati. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell ikkonkludiet li l-atturi għandhom raġun isostnu li l-azzjoni proposta minnhom mhix ibbażata unikament fuq l-effetti legali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, iżda hija wiesgħa aktar minn hekk, u tinkludi l-aġir illegali tal-Awtorità fil-konfront tal-atturi, li wassal biex dawn isofru danni, u għalhekk irrevokat d-deċiżjoni ta' din il-Qorti li s-smigħ tal-proċeduri odjerni kellhom jieqfu sakemm ikun hemm eżitu finali għal proċeduri separati bin-numru 592/2009/2.

[20] *A fol.* 386 tal-proċess.

Permezz ta' rikors ippreżentat fis-6 ta' Jannar, 2017[21], l-atturi talbu lill-Qorti sabiex tisma' l-provi u tagħti sentenza dwar l-ewwel talba tagħhom u dwar l-eċċezzjoni 3(b) tal-Awtorità konvenuta, u dan sabiex il-Qorti tkun tista' tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' responsabbilità b'mod indipendenti mit-talba li għandha għal-likwidazzjoni tad-danni, li hi talba li teħtieġ provi ferm aktar tekniċi u ż-żamma ta' perizji li jistgħu jkunu dispendjużi u li jinvolvu ħafna ħin. Din it-talba kienet immotivata mill-fatt li l-provi dwar il-kwistjoni ta' responsabbilità kienu diġà tressqu ħafna minnhom, fil-kawżi l-oħrajn li kien hemm bejn il-partijiet.

L-atturi ppreżentaw kopja legali taċ-ċitazzjoni bin-numru 1539/1993 fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**[22], kopja tal-atti tal-ilment numru 6/2006 quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust[23], kopja legali ta' protest ġudizzjarju intavolat fit-18 ta' Ottubru, 1993[24], kopja legali ta' protest ġudizzjarju intavolat fit-28 ta' Frar, 1995[25], kopja legali ta' ittra uffiċjali intavolata fit-2 ta' Marzu, 1999[26], u kopja legali ta' protest ġudizzjarju intavolat fit-3 ta' April, 2009.[27]

Permezz ta' nota bid-data tal-1 ta' Diċembru, 2017, l-Awtorità konvenuta ppreżentat kopji ta' tliet sentenzi mogħtija fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**[28], kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Nazzareno**

[21] *A fol.* 423 tal-proċess.
[22] *A fol.* 435 tal-proċess.
[23] *A fol.* 444 sa fol. 854 tal-proċess.
[24] *A fol.* 855 tal-proċess.
[25] *A fol.* 859 tal-proċess.
[26] *A fol.* 864 tal-proċess.
[27] *A fol.* 867 tal-proċess.
[28] P.A. 30.04.2003 (Ċit. Nru. 1539/1993/1) – kopja *a fol.* 878 tal-proċess.

**Abela *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**[29], u kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**.[30]

Permezz ta' nota bid-data tas-26 ta' Marzu, 2018, l-Awtorità konvenuta esebiet kopja tax-xhieda ta' **Peter Paul Ripard** fil-proċeduri bin-numru 1540/1993/1 fl-ismijiet **Nazzareno Abela *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**[31], li kien xehed li fit-22 ta' Marzu, 1993 huwa kien jaqdi l-kariga ta' *Acting General Manager* tal-Public Transport Authority, u kien ikkonferma li l-awtur tal-atturi, Angelo Spiteri, kien għamel applikazzjoni mal-Awtorità sabiex jiġu impurtati numru ta' *open-top buses.* Ix-xhud kien qal li din ir-rikjesta kienet tressqet quddiem il-Bord tal-Awtorità li kien stabbilixxa li l-importazzjoni tista' ssir sakemm il-vetturi jkunu jikkonformaw mar-regolamenti tal-Pulizija. Ix-xhud qal li l-Awtorità kienet ġiet infurmata mill-Pulizija li filwaqt li l-*vintage buses* impurtati kienu konformi mar-regolamenti eżistenti ta' dak iż-żmien, fir-rigward tad-dimensjonijiet tal-*open top buses* dawn ma kinux jikkonformaw mar-regolamenti ta' dak iż-żmien. Kien għalhekk li l-liċenzji relattivi kienu nżammu milli joħorġu. Ix-xhud qal ukoll li dawn il-vetturi nħarġu mid-Dwana u s-sidien tagħhom ingħataw permess li jżommuhom f'*garage* tagħhom. Ix-xhud qal li l-Awtorità konvenuta kienet ġiet mgħarrfa b'dawn id-diffikultajiet f'Mejju tal-1993, wara li dawn il-vetturi kienu diġà ġew impurtati f'Malta. Fix-xhieda tiegħu, ix-xhud Peter Paul Ripard kien qal ukoll li r-regolament li ma kienx hemm konformità miegħu kien Reg. 173 tal-Motor Vehicle Regulations, li jistabbilixxi li l-għoli ta' kwalunkwe vettura fit-toroq Maltin ma jistax ikun ta' aktar minn 3.2 metri.

[29] P.A. 30.04.2003 – (Ċit. Nru. 1540/1993/1), kopja tagħha tinsab *a fol.* 882 tal-proċess.
[30] Qorti Kostituzzjonali, 19.04.2004 (Ċit. Nru. 1539/1993/1), kopja tagħha tinsab *a fol.* 895 tal-proċess.
[31] *A fol.* 919 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti eżaminat id-dokumentazzjoni kollha ppreżentata f'din il-kawża, b'diversi dokumenti u kopji ta' korrispondenza li tirrisali lura għas-snin disgħin, meta l-Gvern dak iż-żmien kien ħareġ Pjan Strutturali li fost l-oħrajn kien jindirizza l-kwistjoni tat-trasport f'Malta, u waħda mill-*policies* kienet tistipula li l-operaturi tal-karozzi tal-linja kienu ser jiġu mħeġġa jesperimentaw b'tipi speċjali ta' servizzi għat-turisti bħalma huma l-*open-top buses* u l-ferroviji tal-art. Kien fl-isfond ta' dan li l-awtur tal-atturi fl-1993 kien talab lill-Awtorità konvenuta tawtorizzah jimporta numru ta' *open-top buses* bl-intiża li hu jkun jista' joperahom bħala mezz ta' trasport alternattiv. Korrispondenza esebita f'dawn il-proċeduri turi li l-Awtorità konvenuta dak iż-żmien ma kinitx oġġezzjonat għall-importazzjoni ta' tali vetturi, sakemm dawn ikunu jikkonformaw mar-regolamenti tas-sewqan fit-toroq, viġenti fil-pajjiż f'dak iż-żmien. Jirriżulta wkoll li minkejja li l-attur importa l-vetturi u ħariġhom mid-Dwana, hu ffaċċja l-ewwel diffikultajiet hekk kif ġie biex japplika għal-liċenzja u għar-reġistrazzjoni tal-istess vetturi, u dan bil-ħsieb li dawn il-vetturi jiżdiedu mal-mezzi ta' trasport oħra li l-awtur tal-atturi kien iħaddem fuq bażi kummerċjali. Jidher li r-raġuni għalfejn ma setgħetx tinħareġ il-liċenzja da parti tal-Awtorità konvenuta, kienet minħabba li l-għoli tal-vetturi impurtati kien jeċċedi l-massimu stabbilit fir-regolamenti applikabbli dak iż-żmien. Mill-korrispondenza esebita fl-atti jirriżulta li minkejja li l-Awtorità konvenuta f'ittra tat-27 ta' April, 1993[32] kienet infurmat lil Angelo Spiteri li ma kienx hemm oġġezzjoni għat-talba tiegħu sakemm il-vetturi impurtati jkunu jikkonformaw mar-Regolamenti tal-Pulizija f'kull ħin u mal-kundizzjonijiet

[32] *A fol.* 6 tal-proċess Ċitazz. Nru. 1539/93 GMA.

imposti mill-Awtorità għat-Trasport Pubbliku f'kull ħin, dan qajla ta kas ta' dan ir-rekwiżit li l-vetturi impurtati minnu kellhom ikunu konformi mar-regolamenti viġenti fil-pajjiż dak iż-żmien, u minflok interpreta l-ittra tal-Awtorità bħala xi forma ta' garanzija li hekk kif hu jimporta l-vetturi f'Malta, hu definittivament li kien ser jingħata liċenzja biex joperahom. Kien proprju f'dawn iż-żminijiet li l-awtur tal-atturi beda bl-ewwel proċeduri legali fil-konfront tal-awtoritajiet konvenuti. Eżitu finali għall-proċeduri mibdija permezz tar-rikors 1539/1993 ingħata permezz ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Angelo Spiteri *vs.* Il-Kummissarju tal-Pulizija et noe**, tad-19 ta' April, 2004 fejn il-Qorti eżaminat id-diversi allegazzjonijiet li saru da parti tal-awtur tal-atturi li ilmenta minn diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu u dana stante li kien hemm vetturi oħrajn appartenenti lil terzi li wkoll ma kinux jikkonformaw mar-regolamenti viġenti, iżda li ġew illiċenzjati u tħallew joperaw, filwaqt li hu baqa' ma ngħatax liċenzja. Il-Qorti kkunsidrat li għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija kien iddiskrimina fil-konfront ta' Spiteri meta vetturi simili għal tiegħu ġew illiċenzjati, u kkunsidrat ukoll li kien hemm element ta' negliġenza da parti tal-Awtorità konvenuta li naqset li tinforma lill-tal-awtur tal-atturi li l-vetturi li kellu l-ħsieb li jimporta ma kinux konformi mar-regolamenti viġenti f'dawk iż-żminijiet, madanakollu fil-parti konklussiva tas-sentenza tagħha, il-Qorti kkonkludiet li hi ma setgħetx tmur kontra l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-ewwel Qorti u dan minħabba li ma setgħetx tagħti ordni li biha jkun hemm ksur tal-liġi, stante li sas-sena 2004 il-liġi applikabbli kienet għadha tistipula li vetturi ta' għoli ta' aktar minn 4 metri ma jistgħux jinstaqu fit-toroq Maltin.

Din il-Qorti kkunsidrat li sas-sena 2004 ir-reġistrazzjoni ta' vetturi bħal dawk proprjetà tal-awtur tal-atturi, ma setgħetx issir stante li kienet tmur kontra r-

Regolamenti dwar Vetturi bil-Mutur li kienu jistabbilixxu l-għoli massimu ta' vettura sabiex din tkun tista' tiġi liċenzjata. Fix-xhieda tiegħu quddiem Qrati oħra, li kopja tagħha ġiet allegata mal-atti tal-proċess odjern, l-awtur tal-atturi kien stqarr li l-kwistjoni dwar il-kejl tal-vetturi ma kinitx ingħatat daqstant importanza minnu, u li hu qatt ma kien informa lill-Awtorità konvenuta bil-kejl tal-vetturi li kien fi ħsiebu jimporta qabel dawn waslu Malta.

Din il-Qorti tqis li meta l-Gvern ippubblika Pjan ta' Struttura bil-viżjoni tiegħu ta' x'seta' jsir fis-settur tat-trasport għas-snin futuri, kien hemm operaturi li raw tieqa ta' opportunità biex jintroduċu f'Malta kunċetti ġodda ta' trasport, u dan bl-intiża li jkabbru n-negozju tagħhom. Jista' jkun ukoll li meta l-awtur tal-atturi irċieva ittra li tgħid li l-Awtorità konvenuta ma kellhiex oġġezzjoni għall-importazzjoni ta' tali vetturi, inħolqot fih l-aspettattiva leġittima li ladarba jimporta l-vetturi, hu kien ser jingħata l-liċenzja biex joperahom. Madanakollu jidher li l-attur naqas li jagħti kas ta' kundizzjoni importanti fil-korrispondenza mibgħuta lilu, li b'mod kostanti kienet tistabbilixxi li l-liċenzja tingħata biss ladarba jkun hemm konformità mar-regolamenti rilevanti maħruġa mill-Pulizija u mill-Awtorità konvenuta. Jidher ċar li l-awtur tal-atturi kien jaf li l-vetturi impurtati minnu ma kinux jikkonformaw mal-imsemmija regolamenti, tant illi wara dawn is-sentenzi, l-awtur tal-atturi mmodifika dawn il-vetturi sabiex ikunu konformi mar-regolamenti, u dawn tniżżlu għal għoli ta' 3.7 metri u ta' 3.9 metri. Quddiem dawn ir-riżultanzi, din il-Qorti ma tista' taddebita l-ebda responsabbilità lill-Awtorità konvenuta għall-fatt li l-vetturi impurtati mill-attur ma setgħux jiġu lliċenzjati, fattur dan li fehmitu tajjeb anki l-Qorti Kostituzzjonali li stabbiliet li minkejja kull konsiderazzjoni oħra, hija ma setgħetx tordna lil xi parti tagħmel atti li jkunu kontra l-liġijiet tal-pajjiż. Regola kardinali li għandha tiġi rispettata minn kull parti f'kawża hi li kull min jersaq

quddiem il-Qrati sabiex jitlob ġustizzja, għandu jagħmel dan b'idejh nodfa, u b'għarfien li hu qiegħed fuq in-naħa t-tajba tal-ġustizzja, u mhux jinqeda b'terzi li ngħataw liċenzja, kif ġie allegat, sabiex jipprova jikseb għalih jedd li ma kellux dritt għalih. Fehmiet bħal dawn manifestati mill-awtur tal-atturi ma jwasslux biex issir ġustizzja.

Minkejja il-modifiki li saru għall-vetturi impurtati mill-awtur tal-atturi sabiex dawn jiġu konformi mar-regolamenti tat-triq, permezz ta' ittra tat-30 ta' Ġunju, 2005, l-Awtorità konvenuta għal darba oħra infurmat lill-awtur tal-atturi li l-vetturi tiegħu ma kinux ser jiġu liċenzjati u dan minħabba tħassib dwar is-sigurtà tagħhom. Fl-isfond ta' dan ir-rifjut, f'Marzu tal-2006, l-Awtorità konvenuta ħarġet sejħa għall-offerti għat-tħaddim ta' żewġ rotot proposti mill-awtur tal-atturi b'vetturi simili għal dawk impurtati mill-awtur tal-atturi u li kien ried li jilliċenzja. Id-dritt esklussiv tal-operat ta' dawn il-vetturi ingħata lil kompetitur tal-atturi li kien importa f'Malta vetturi simili għal tagħhom, ċertu Nazzareno Abela tas-Supreme Travel Limited, filwaqt li l-atturi ma pparteċipawx fis-sejħa għall-offerti li nħarġet. In segwitu għal dan, l-atturi pproċedew b'ilment quddiem il-Kummissjoni dwar il-Kummerċ Ġust, u dan minħabba li ħassew li l-mod kif l-Awtorità konvenuta lliċenzjat kompetitur dirett tagħhom sabiex jopera bl-istess tip ta' vetturi bħal dawk impurtati minnhom, jagħti lok għal abbuż tal-pożizzjoni dominanti li l-Awtorità konvenuta għandha fis-suq.

Fil-konsiderazzjonijiet tagħha għad-deċiżjoni li tat fil-15 ta' Ottubru, 2008, il-Kummissjoni qalet:

> "... għandu jkun paċifiku li Awtorità bħal dik in diżamina għandha d-dover legali u istituzzjonali li tkun 'super partes' u mhux li tistultifika u timmanipula suq biex tiġi aġevolata intrapriża partikolari għad-detriment ta' intrapriżi oħra kompetituri għaliha;
>
> Illi jekk verament l-Awtorità riedet tkun oġġettiva, in buona fede, u tassew tittutela l-interess pubbliku, f'dan il-każ dak tas-saħħa u l-inkolumità tal-utent li juża s-servizzi offruti in diżamina – allura kellha tassigura – kif hu minnha dovut – li minflok li timbarra s-suq lil-lanjanti biex taġevola l-kompetituri diretti tagħhom, kellha bħala Awtorità, hi stess ir-responsabbilità li tara li t-toroq involuti ma jkunux ta' perikolu għall-utent, u tneħħi fejn jeżisti dan il-periklu u mhux tinża minn din ir-responsabbilità amministrattiva u timmanipola l-pożizzjoni tagħha għall-għanijiet nefasti li jirriżultaw;
>
> Għaldaqstant din il-Kummissjoni filwaqt li tirrespinġi t-tweġibiet tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta u d-deċiżjoni tad-direttur fuq indikati, takkolji l-lanjanzi ta' Marianna Spiteri, armla ta' Angelo Spiteri, Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u Karen miżżewġa Camilleri u konsegwentement tiddikjara li l-aġir tal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fir-rigward tal-lanjanti kif fuq elenkat imur kontra l-Artikolu 9(1) (2) (e) tal-Kap. 379."

Quddiem din id-deċiżjoni, l-Awtorità konvenuta ħarġet il-liċenzji neċessarji sabiex il-vetturi impurtati mill-awtur tal-atturi jkunu jistgħu jinstaqu fit-toroq. Madanakollu, l-Awtorità konvenuta nediet proċeduri appożiti quddiem il-Qorti sabiex tali deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun mistħarġa u eventwalment tiġi ddikjarata nulla u inattendibbli. Fil-fatt b'deċiżjoni mogħtija fil-5 ta' Ottubru, 2016, din il-Qorti kif diversament presdeuta stabbiliet li fil-qadi ta' funzjonijiet marbuta mal-liċenzjar ta' vettura, l-Awtorità konvenuta ma tistax titqies li hija intrapriża, u għalhekk mhix soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn din id-deċiżjoni tal-Qorti hemm pendenti appell, li għadu mhux appuntat, u għalhekk mhux ċar jekk il-Qorti tal-Appell, li ser tagħti deċiżjoni finali dwar din il-vertenza, hix ser tkun qiegħda taqbel li l-proċeduri li nżammu quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust huma nulli

u inattendibbli, in vista tal-applikabbilità tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta għall-Awtorità konvenuta o meno. L-Awtorità konvenuta tissottometti li f'każ li l-Qorti tal-Appell tiddeċiedi li hija mhix suġġetta għal skrutinju *ai termini* tal-Kap. 379, isegwi li hi ma tistax tinstab responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-atturi.

L-Awtorità konvenuta ssottomettiet ukoll fin-nota responsiva tagħha, li l-atturi kienu diġà ngħataw kumpens ammontanti għal ħamsin elf Euro (€50,000) wara proċeduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn ġie deċiż li huma għandhom jitħallsu kumpens bħala *'just satisfaction'* għall-ilment tagħhom li d-deċiżjonijiet tal-Awtorità konvenuta kienu jilledu l-jedd fundamentali tagħhom tat-tgawdija tal-proprjetà. Madanakollu tali proċeduri ċċitati mill-Awtorità konvenuta ma għandhom x'jaqsmu assolutament xejn mal-kwistjoni odjerna, stante li l-mertu tagħhom kienu numru ta' vetturi impurtati mill-atturi wara s-sena 2009. Għalhekk l-ilment imressaq mill-atturi fil-proċeduri bir-referenza 53/2009 fl-ismijiet **Alfred Spiteri et *vs.* Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et,** m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-mertu tal-kawża odjerna fejn l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni tad-danni sofferti minnhom meta l-ewwel tliet vetturi akkwistati minnhom ma ġewx illiċenzjati mill-Awtorità konvenuta.

**<u>Ir-responsabbiltà għad-danni</u>**

Din il-Qorti tqis li wara s-sena 2004 l-atturi għamlu dak kollu neċessarju biex il-vetturi impurtati minnhom ikunu jikkonformaw mar-regolamenti tal-vetturi bil-mutur, u li minkejja dan, huma xorta waħda baqgħu mċaħħdin minn

liċenzja li permezz tagħha setgħu joperaw dawn il-vetturi fuq bażi kummerċjali. Dan kollu fisser telf ta' żmien, involviment f'aktar proċeduri ġudizzjarji u telf ta' dħul għall-atturi, meta minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva li setgħet tiġġustifika ż-żamm tal-ħruġ tal-liċenzja da parti tal-Awtorità konvenuta, tant li din il-liċenzja ngħatat lill-atturi wara l-proċeduri li saru quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fl-2008. Il-fatt li dik id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ġiet mistħarġa fi proċeduri separati[33], u hemm possibilità li l-Qorti tal-Appell taqbel mal-ewwel Qorti li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija nulla in vista tal-applikabilità o meno tal-Kap. 379 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-Awtorità konvenuta, madanakollu ma jirriżultax li f'każ li l-Qorti tal-Appell taqbel mal-ewwel Qorti, il-liċenzja li ngħatat lill-atturi fl-2008 ser tiġi rtirata mill-Awtorità konvenuta. Bl-istess mod u għall-istess raġunijiet, din il-Qorti temmen li l-liċenzja li finalment ingħatat lill-atturi fis-sena 2008, setgħet tingħatalhom qabel fl-2004, meta kien ċar li dawn għamlu dak kollu li setgħu biex jikkonformaw mar-regolamenti viġenti f'dak iż-żmien. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti temmen li l-Awtorità konvenuta għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi għas-snin 2004 sa 2008, is-snin li fihom huma ma setgħux joperaw għaliex tħallew mingħajr liċenzja, u dan minkejja li ma kien hemm l-ebda raġuni ġustifikabbli għal dan.

**<u>L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni</u>**

Jifdal issa li l-Qorti tikkonsidra l-eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta dwar jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta bid-dekors ta' sentejn *ai termini* tal-artikolu

---
[33] Rikors Maħluf Nru. 592/2009/2(MC).

2153 tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qrati tagħna dejjem irritjenew illi l-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 1917 tal-Ordinanza VII tal-1868 (illum l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili) hija applikabbli għal danni extra-kontrattwali, jiġifieri d-danni illi jirriżultaw minn inadempjenza ta' obbligazzjoni *ex delicto vel quasi.* Huwa ben magħruf ukoll illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata. Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Bajja Limited (C 29707)** ***vs.*** **Inna Korelova noe et**[34], il-Qorti qalet:

> "Bejn il-partijiet f'din il-kawża ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali u għaldaqstant it-talba għal riżarċiment tad-danni trid tirriżulta minn ħtija u ċioe mill-prova ta' ness ta' kawżalità bejn il-fatt kolpuż u l-event dannuż li tispetta lill-kumpanija attriċi.
>
> Sabiex ikun determinat iż-żmien meta jibdew jiddekorru s-sentejn trid issir referenza għall-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 li jaqra hekk:
>
> 'Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

Jirriżulta li l-atturi ilhom snin involuti fi proċeduri legali mal-Awtorità konvenuta. Wara d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 t'April 2003 li ma kellhiex eżitu favorevoli għat-talbiet tal-atturi, l-atturi għamlu dak li setgħu biex ikunu konformi mar-regolamenti viġenti, bit-tama li ma jkun hemm l-ebda ostakolu regolamentarju għall-ħruġ lilhom tal-liċenzja biex joperaw il-vetturi impurtati minnhom. Minkejja dan, il-liċenzja baqgħet ma nħarġitx. L-iżviluppi li seħħew tul is-snin 2005 u 2006, wasslu għal proċeduri quddiem il-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, u wara li ġew fi tmiemhom dawk il-proċeduri fl-2008, l-Awtorità konvenuta, mingħajr ma ġiet ordnata jew

---

[34] Q.A., 28.03.2014

imġiegħla tagħmel dan b'xi deċiżjoni jew oħra, iddeċidiet fl-2008 li toħroġ il-liċenzja lill-atturi sabiex dawn ikunu jistgħu joperaw il-vetturi impurtati minnhom. Il-kawża odjerna li permezz tagħha l-atturi qegħdin ifittxu lill-Awtorità konvenuta għad-danni subiti minnhom tul is-snin li fihom kienu sprovvisti minn liċenzja li permezz tagħha setgħu joperaw l-imsemmija vetturi, ġiet intavolata fl-14 ta' April, 2009 u għalhekk entro t-terminu ta' sentejn minn meta l-atturi bil-ħruġ tal-liċenzji ġew a konjizzjoni tal-fatt li l-Awtorità konvenuta ma kellha l-ebda raġuni valida fil-liġi għar-rifjut preċedenti tagħha li toħorġ lill-atturi d-debiti liċenzji u li b'hekk l-Awtorità konvenuta kienet ikkaġunatilhom danni illeċiti li affettwaw l-operat kummerċjali tagħhom, partikolarment għas-snin 2004 sa 2008, meta huma kienu konformi mar-regolamenti maħruġa mill-Awtorità konvenuta.

Jirriżulta mill-provi li l-għoti tal-liċenzja da parti tal-Awtorità konvenuta kien att li sar indipendentment minn dak li ġie deċiż mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust, tant li filwaqt li tat il-liċenzja lill-atturi, l-Awtorità konvenuta fittxet li tiftaħ proċeduri għal stħarriġ ġudizzjarju ta' dik id-deċiżjoni. Il-Qorti għaldaqstant tqis li d-danni li l-atturi qegħdin jitolbu r-riżarċiment tagħhom mill-Awtorità konvenuta, huma danni sofferti minnhom konsegwenza tal-fatt li dawn ma tħallewx joperaw minħabba l-għemil arbitrarju u illegali tal-Awtorità konvenuta, liema għemil arbitrarju u illegali waqaf fis-sena 2008 meta l-Awtorità konvenuta ddeċidiet li tagħti l-liċenzja lill-atturi. Il-proċeduri odjerni nbdew ftit aktar minn sena wara u għalhekk entro t-terminu ta' sentejn preskritt bl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-Qorti mhix tal-fehma li l-proċeduri ġudizzjarji l-oħra li kienu involuti fihom il-partijiet kienu l-kawża ta' xi sospensjoni tal-preskrizzjoni, stante li l-kawża

odjerna ma kinitx tiddependi għall-ftuħ tagħha, minn xi pronunzjament ġudizzjarju ieħor, li seta' jikkostitwixxi dak l-impediment leġittimu ta' natura ġuridika li tissospendi l-perkors tal-perijodu preskrittiv. Iżda ċertament li hawn si tratta ta' sitwazzjoni fejn għal kull ġurnata li fiha l-atturi kienu mċaħħda mil-liċenzja li biha setgħu joperaw, kien hemm interruzzjoni kontinwa tal-preskrizzjoni[35], liema interruzzjoni da parti tagħhom waqfet biss bl-għoti tal-liċenzja lill-atturi mill-Awtorità konvenuta. L-ebda żmien ta' preskrizzjoni ma jista' jitqies li jgħaddi sakemm fil-fatt il-ħsara tibqa' tippersisti[36] kif fil-fatt ġara fil-każ odjern meta bejn is-sena 2004 u s-sena 2008, għad illi l-atturi kellhom kollox in regola, l-Awtorità konvenuta b'mod arbitarju u illegali naqset milli toħroġilhom il-liċenzja sabiex ikunu jistgħu joperaw il-vetturi mertu ta' din il-kawża. Fil-każ odjern, id-danni subiti mill-atturi baqgħu javveraw ruħhom kull jum li matulu l-vetturi tal-atturi setgħu jiġu liċenzjati u ma ġewx liċenzjati.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi kif ġej:**

1. **Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-Awtorità konvenuta rigward il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;**

2. **Tilqa' t-talba tal-atturi li l-Awtorità konvenuta għandha tinżamm responsabbli għad-danni sofferti minnhom limitatament għall-**

[35] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Portelli *vs.* Attard**, P.A., 20.03.1997.
[36] Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **Micallef *vs.* Direttur tax-Xogħlijiet**, Q.A., 28.02.2001.

**perijodu bejn is-snin 2004 u l-2008, u dan għar-raġunijiet spjegati aktar 'il fuq mill-Qorti;**

3. **Tordna l-prosegwiment tal-kawża bis-smigħ tal-provi dwar it-tieni u t-tielet talba tal-atturi.**

**Bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra l-Awtorità konvenuta.**

Moqrija.